

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2017/663

tat-3 ta' April 2017

**li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Żvediż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Settembru 2015 u fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/1600 <sup>(1)</sup> u (UE, Euratom) 2015/1790 <sup>(2)</sup> li jaħtru l-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Oskar WALLNER, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sinjura Imse SPRAGG NILSSON, *Expert, National Council of Swedish Youth Organisations (LSU)*, hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2020.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

R. GALDES

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1600 tal-18 ta' Settembru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 53).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1790 tal-1 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 23).